# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 4 ta' Ottubru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Romina Perici Ferrante | - | Deputat Segretarja Eżekuttiva | |
| Udjenza : | 1 mis-7.10pm | | | |

## AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 25/26
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet
(4) Xogħol Triq iż-Żewġ Mini
(5) Amministrazzjoni Ground tal-Football
(6) Abbozz Bye-Law Gardjola/Sala tal-Kunsill
(7) Jum Dinji ta' l-ikel
(8) Banda ġermaniża
(9) Kuntratt tal-Knis
(10) Skema Parking Residenti
(11) Riżoluzzjonijiet
(12) Approvazzjoni Pagamenti

## 27 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill nru 25 u nru 26.

27(1) 1 Minuti tal-laqgħa nru 25

Billi il-Kunsillier Reno Chircop ma kienx preżenti għal din il-laqgħa (nru 25) ma setax jissekonda dawn il-minuti. Għalhekk dawn il-minuti ma setgħux jitressqu għal approvazjoni għax ma kienx hemm min jissekonda. Sar qbil li dawn jitressqu għal approvazjoni kif preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

27 (1) 2 Minuti tal-laqgħa nru 26

Billi il-Kunsillier Louis Henwood ma kienx preżenti għal din il-laqgħa (nru 26) ma setax jissekonda dawn il-minuti. Għalhekk dawn il-minuti ma setgħux jitressqu għal approvazjoni għax ma kienx hemm min jissekonda. Sar qbil li dawn jitressqu għal approvazjoni kif preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 27(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

27(2) 1 **Preżentazzjoni ta' Trophies mis-Senglea Nursery – 29 ta' Awissu 2006**

Is- Sindku Joseph Casha kien mistieden mis-Senglea Nursery għal preżentazzjoni ta' Trophies lit-tfal tan-Nursery fl-okkażjoni tal-End of Season. Is-Sindku għamel diskors tal-okkażjoni.

27(2) 2 **Diskussjoni Rijabilitazzjoni – 31 ta' Awissu 2006**

Is-Sindku Joseph Casha kien preżenti għal diskussjoni mal-kordinatur tar-Rijabilitazzjoni s-Sur Ray Bondin u s-Sur Lorry Sansero, president Grupp Gwardjola, dwar possibilita ta maħżen li jingħata lilhom biex jiġi restawrat. Is-Sur Ray Bondin qal li għandu jinforma lill-Ministru dwar dan.

27(2) 3 **Laqgħa mal-Kummissjoni Żgħażagħ u President tal-Banda La Vincitrice – 31 ta' Awissu 2006**

Saret Laqgħa fil-Preżenza tal-Kunsilliera mal-Kummissjoni Żgħazagħ u l-President tal-Banda La Vincitrice dwar attivita tal-5 ta' Settembru li kellha bħas-soltu ssir quddiem il-każin tal-banda. Ippreżentaw ittra b'data 5 ta' ġunju li l-Arċipriet kien aċċetta li ssir din l-attivita u tiġi inkluża fil-Programm tal-Festa. Qali li minn dak iż-żmien kien hemm xi żgħażagħ li ma baqux fil-kummissjoni. Kienu talbu biex jagħmlu attivita fil-pjażża ta' ħdejn il-Maċina

imma l-Arċipriet irrifjuta din it-talba. Għalhekk kienu talbu biex issir fil-ġnien tal-Gardjola bl-awtorizzazjoni tal-Kunsill Lokali. Huma ħadu parir mill-Maġġur tal-għassa ta' Bormla is-Sur Charles Zerafa, fejn dan qallhom li jekk il-post huwa magħluq, din l-attivita tista ssir. Is-Sindku Joseph Casha qallhom li l-Kunsill jista jieħu deċiżzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill, pero' peress li l-laqgħa kienet skedata għal-4 ta' Settembru, kien ser ikun tard wisq biex wara tiġi organizzata din l-attivita. Żgur li f'każ bħal dan, il-Kunsill ma jrid jisfida lil ħadd, imma huwa żgur ukoll li l-ġnien tal-Gardjola huwa propjeta tal-Kunsill u jiddeċiedi dak li jrid il-Kunsill f'sens li kullħadd jista jidħol u ħadd ma jista jidħol. Il-ħsieb tal-Kunsill hu li għal din is-sena, inħallu l-affarijiet jgħaddu u naraw kif s-sena d-dieħla jiġu rranġati. Huwa żgur ukoll li min se jitlob permess lill-Kunsill irid jaħseb minn żmien qabel għax fl-aħħar ġimgħat ma joħorġux permessi. Huma qalu li qegħdin jaqblu ma dak li ntqal u jaċċettaw il-ħsieb tal-Kunsill, fil-fatt irringrazzjaw lil kulħadd.

27(2) 4 **Kxif tal-Bust Vitorin Galea – 3 ta' Settembru 2006**

Kif approva dan il-Kunsill, sar il-kxif tal-bust ta' Vitorin Galea fil-ġnien tal-Gardjola. Kienu responsabbli minn din l-attivita il-familja Galea u Bronk Productions. Għall-okkazzjoni kien hemm preżenti l-Onor Ministru Dolores Cristina, soċjetajiet u mistednin oħra.

27(2) 5 **Programm Mużikali mill-Banda La Vincitrice – 4 ta' Settembru 2006**

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden għall-programm mużikali mill-Kumitat tal-Banda La Vincitrice fl-okkażjoni tal-Festa Maria Bambina fil-Misraħ 4 ta' Settembru.

27(2) 6 **Festa Maria Bambina bejn 2 – 7 ta' Settembru 2006**

Il-Kunsill kien mistieden għal diversi bibiti organiżżati mis-Soċjetajiet Sengleani fl-okażżjoni tal-Festa Maria Bambina.

27 (2) 7 **Europe Direct – Cooperation Agreement – 13 ta' Settembru 2006**

Sar Cooperation Agreement li ġie ffirmat mis-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit għan-naħa tal-Kunsill Lokali u s-Sinjura Maryrose Francica, Manager tal-Europe Direct Malta. Il-Europe Direct hija kummissjoni biex twassal messaġġ ta' dak li hu għaddej f'Malta. X'inhuma l-idejat taċ-Cittadini Maltin dwar l-Unjoni Ewropea. Isiru diskussjonijiet ma' Anzjani u anki Adulti. Il-Kunsill irid iwassal dak li jkun għaddej. Minn naħa tagħhom, huma jagħtu għajnuna lill-Kunsill kif jistgħu jinġabru xi fondi. Tingħata wkoll għajnuna għal pjan ta' attivitajiet, u biex isiru twinnings ma pajjiżi oħra.

27 (2) 8 **Laqgħa tal-LES – 15 ta' Settembru 2006-10-18**

Saret laqgħa tal-LES dwar problemi li hemm mal-Aġenżija tal-Wardens, b'mod speċjali li Wardens mhux jagħtu servizz skond il-ħin li l-Kunsill qiegħed iħallas għalih. ġie deċiż li inqabbdu lil xi ħadd biex josservaw dak li qiegħed isir mill-Wardens.Saret diskussjoni fuq nuqqas ta' Wardens meta jsir xogħol ta' kostruzzjoni fil-lokalitajiet.

27 (2) 9 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mit-28 ta' Awissu – t-3 ta' Ottubru 2006**

| | |
|---|---|
| **04/1666/06/I** | **Eurotrans - Road Management**<br><br>Ittra mingħand il-kumpanija Eurotrans li bgħatu informazzjoni dwar Road Management u x'materjal għandhom x'joffru b'mod speċjali Rubber Speed Bumps |
| **04/1667/06** | **Direttiva – Union Ħaddiema Magħqudin**<br><br>B'referenza għad-direttiva mogħtija lill-ħaddiema klerikali fil Kunsilli Lokali,<br>(i) Ħija l-UHM li naqqset li tiffirma l-Ftehim Kollettiv kif approvat minnkom fl-aħħar laqgħa għas-Sindki<br>(ii) Is-Segretarju Eżekuttiv skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali huwa responsabbli sabiex jirċievi l-ħlasijiet dovuti lill-Kunsilli Lokali u għalhekk is-Segretarji Eżekuttivi għandom jagħtu serviżz lir-residenti<br>(iii) Ħlas jista' jsir ukoll online permezz ta' www.les.gov.mt u fit-Tribunal Lokali |
| **04/1669/06/I** | **Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**<br><br>Ittra mill-Assoċjazzjoni sabiex ma jiġux aċċettati devoluzzjoni ta' Lampi mil-Enemalta li ma ġewx mogħtija finanzi għalihom. |
| **04/1673/06/1** | **Kunsill Nazzjonali għaż-Żgħażagħ**<br><br>Se jniedu proġett għaż-żgħażagħ u l-Kunsilli Parteċipanti iridu jħallsu Lm 50 għall-promozzjoni ta' l-istess progett. Applikazzjonijiet għalqu 15 ta' Settembru. |
| **04/1674/06/I** | **Rapport mid-Dipartiment għall-gvern Lokali – Spezzjoni Latrini u ġonna Pubbliċi**<br><br>Ma kienx rapport sodisfaċenti fil-fatt ser niġbdu l-attenzjoni tal-Kuntrattur tal-Knis u Zammit Nursery |
| **04/1675/06/1** | **MEPA – Approvazzjoni Grawnd tal-Futbol**<br><br>Konferma lil-applikazzjoni dwar il-grawnd ġiet approvata |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1679/06/I | **Ittra mingħand Lawrence Mangion – Żieda ta' Lampi fi Triq San ġużepp**<br><br>Ħtieġa biex bejn Triq il-Ħabs l-Antik u Triq Sant Anna, l-lampi eżistenti jersqu aktar lejn xulxin u jiżdiedu bi tnejn jew tlieta oħra.<br><br>Is-Sindku talab approvazzjoni mill-Kunsill sabiex tintbagħat ittra ta' spjegazzjoni lil Mangion. Is-Sur Louis Henwood qal li l-Kunsill għamel dmiru billi bagħat it-talba lil Enemalta u qal li hemm bżonn ninsistu għal żieda ta' lampi. Is-Sindku fisser li ma nistgħux inżidu il-konsum tad-dawl mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Enemalta. |
| 04/1680/06/I | **Sezzjoni Żgħażagħ voluntieri La Vincitrice**<br><br>Applikazzjoni biex jorganizzaw ativita fil-ġnien tal-Gardjola. |
| 04/1686/06/I | **Ittra mingħand Arċipriet Kan. Joe Grech – Talba Sezzjoni Żgħażagħ voluntieri La Vincitrice**<br><br>Jekk il-Kunsill jilqa t-talba jistu jsiru sanzjonijiet minn naħa ta' l-Awtoritajiet tal-Kurja, biex ma ssirx il-Festa.<br><br>Il-Kurja ħarġet direttiva biex fit-tmient ijiem tal-Festa ma jiġux approvati attivitajiet f'open space jekk mhux approvati mill-Kurja. Is-Sindku qal li l-ġnien tal-Gardjola huwa amministrat mill-Kunsill Lokali u jiddeċiedi il-Kunsill. Permessi konċernati għall-festa ma għandhomx jitħallew għall-aħħar ġimgħa biex jekk ikun hemm xi diżgwid, dawn jiġu solvuti qabel. Żied jgħid li fl-aħħar laqgħa maż-żgħażagħ, il-Kunsill ipprova jberred l-affarijiet. |
| 04/1691/06/I | **Acknowledgement – Direttur għall-Kunsilli Lokali – Maħżen Nru. 5**<br><br>Irċieva l-ittra li bgħat il-Kunsill u se jagħmel dak kollu li jista biex jitnaddaf u jingħalaq data 1 ta' Settembru. |
| 04/1695/06/I | **Attivita' 5 ta' Settembru – Kumitat La Vincitrice**<br><br>Kumitat La Vincitrice bgħat ittra lill-Arċipriet fejn spjegaw li bir-responsabbilta kollha ser jibdlu l-post tal-Attivita mill-ġnien tal-Gardjola għal fuq il-bejt tal-każin. |
| 04/1697/06/I | **Ċirkulari – Assoċjazzjoni tal-Kusilli Lokali**<br><br>Dwar il-laqgħa tas-Sindki li se ssir il-ġimgħa 3 u 4 ta' Novembru fir-Raddisson. |
| 04/1730/06/I | **Ittra mis-Sindku ta' Anversa**<br><br>Bgħat jirringrazzjana ta' l-ittra li bgħatnilhom datata 11 ta' Awissu. |
| 04/1736/06/I | **Pubblikazzjoni ta' Avviż Legali Nru 193**<br><br>Dwar l-Elezzjonijiet għall-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni. |

| | |
|---|---|
| **04/1740/06/I** | **Ittra mingħand Spiżjara Nadja Falzon – Parkeġġ Riservat**<br><br>Il-Kunsill approva li għandu jsir parkeġġ riservat quddiem il-Victory Pharmacy ta' 32/33, Triq il-Vitorja. |
| **04/1741/06/1** | **Health Department – Kampanja ta' l-Injection tal-Influwenza 2006**<br><br>Il-Kunsill se jerġa joffri dan it-tilqim b'xejn lir-Residenti ta' l-fuq minn 55 sena. |
| **04/1742/06/1** | **Talba Nathalie Abela – Użu tas-Sala**<br><br>It-Tnejn 9 ta' Ottubru fl-okkażjoni ta' Surprise Party. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| **04/1752/06/1** | **Talba Josephine Barbara – Użu tas-Sala**<br><br>6 ta' Ottubru għal Birthday Party tat-tifel tagħha. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| **04/1754/06/1** | **Stedina AVEC – Seminar bejn 12 u 14 ta' Ottubru**<br><br>Seminar li ser isir ġewwa Rennes Metropolei. Is-Sindku qal li ġie rifjutat dan l-invit. |
| **04/1755/06/1** | **Talba Manwel Lia – Użu tas-Sala**<br><br>14 ta' Ottubru – Party tal-griżma tal-Isqof. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| **04/1765/06/I** | **Fondazzjoni Bormliża għal Persuni b'Diżabiilita**<br><br>Talba biex ngħaddu l-Informazzjoni li ser joffru servizz bla ħlas dwar Drama, Kompjuter, Life Skills, Lezzjonijiet ta' Kitba u Qari bil-Malti, Support group. Dwar dan ser issir laqgħa fl-10 ta' Ottubru fis-6.30pm fiċ-Ċentru 34/35 fuq Verdala, Bormla. |
| **04/1771/06/1** | **Maltacom – Bidla fis-Sistema tal-Card Phones**<br><br>Ser tibqa għall-użu tal-pubbliku telephone boothe 04/03 li din qiegħda fejn il-Knisja ta' San Filippu. |
| **04/1772/06/1** | **Reminder mid-Dipartiment dwar Devoluzzjoni tax-Xelters**<br><br>Id-Dipartiment jfakkar biex timtela l-formola. Is-Sindku tkellem mal-perit Duncan Mifsud u ser joħroġ stima ta' l-ispejjeż li jista jkun hemm. Is-Sur Louis Henwood qal li parti mix-Xelter huwa perikoluż speċjalment fejn Haven Street. Jista jkun hemm spejjeż oltre, u filwaqt li hu jixtieq li l-proċess jitkompla, l-perit għandu jidħol fix-Xelter biex jara u jkun jaf x'periklu hemm. Il-perit għandu jindika l-ħsarat u jenfasizza fejn huma perikolużi.<br><br>Ittra ta' Dr. Jose' A.. Herrera datata 19 ta' Settembru mhemuża kif ukoll P.Q. Nru. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1775/06/1 | **Fondazzjoni OASI – Sejħa liż-Żgħażagħ għal Rikonoxximent Nazzjonali**<br><br>Dawn qiegħdin jitolbu biex il-Kunsill Lokali jirrakomanda lil xi ħadd. |
| 04/1777/06/1 | **Pubblikazzjoni ta' Avviż Legali Nru 225/2006**<br><br>Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' l-Awtoritajiet tal-gvern Lokali |
| 04/1779/06/1 | **Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita – Blue Stiċkers**<br><br>Ma kull applikazzjoni irid ikun hemm ħlas ta' Lm 5.00 |
| 04/1793/06/1 | **Forum Malta fl-Ewropa – Involviment f'Sub Committee**<br><br>Dr. Gabriella Pace qiegħda titlob lill-Kunsill biex inkunu rappreżentati f'Sub Committee bl-iskop li nipparteċipaw billi naqsmu magħhom s-suġġerimenti li jkollhom dwar diversi oqsma ; Talbuna biex nagħtu aktar informazzjoni dwar dak li għamilna jew ser nagħmlu. |
| 04/1801/06/1 | **Inspection Officer Massimo Farrugia – IPSL – ħinijiet tal-ħaddiema**<br><br>Il-ħin stipulat huwa ta' bejn is-6.45am u 2.45pm. Il-Kunsill jista jagħmel ħinijiet oħra basta, jkun infurmat l-inspection officer. |
| 04/1807/06/1 | **Stqarrija għall-istampa mis-Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji**<br><br>Dwar il-ħatra tas-Sur Adrian Mifsud bħala President tal-Konfederazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet tal-Kapijiet Exekuttivi tal-Gvernijiet Lokali fl-Ewropa UDITE. |
| 04/1812/06/1 | **Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali – Memo 26/2006**<br><br>Rigward mistoqsijiet Parlamentari Nru. 20495 u 20773 dwar kemm saru serqiet mill-uffiċji tal-Kunsilli Lokali u kemm hemm Kunsilli Lokali li għandhom Kumitat tal-Finanzi. |
| 04/1820/06/1 | **P.Q. 20724 li saret lil Onor. Ministru Tonio Borg – Imħażen tal-Isla**<br><br>Inqrat il-Mistoqsija kif ukoll it-tweġiba tal-Onor. Tonio Borg. Is-Sindku qal li għandha tinkiteb ittra li l-Kunsill ma kellux ħsieb jikri dawn l-imħażen kif qal il-Ministru, iżda jamministrhom.<br><br>Ittra ta' Dr. Jose' A.. Herrera datata 19 ta' Settembru mhemuża kif ukoll P.Q. 20724. |
| 04/1829/06/1 | **Talba Lilian Camilleri – Użu tas-Sala – Lucky Birthday Party 29 ta' Diċembru**<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba. |
| 04/1836/06/1 | **Nicholas Debono – l-Arloġġ tal-Isla**<br><br>Forsi xi darba jsir funzjonabbli u ma jibqax Eyesore għal kull min iħares lejh fl-istat li hu.<br>Mhemuża P.Q. 20788 li l-Onor Mario Galea staqsa lill-Onor Tonio Borg u t- |

| | |
|---|---|
| | tweġiba.<br>Is-Sur Louis Henwood issuġerixxa li jsir appuntament mal-Onor Tonio Borg u jekk dan jirrifjuta l-appuntament, jew ma jirrispondix fi żmien ħmistax il-ġurnata, din għandha toħroġ pubblika fuq il-gażżetti. |

Ittri li ntbagħtu mill-Kunsill lill-ADT :

- żejt tal-Buses Pubbliku
- Sewqan eċċessiv fi Triq il-Vitorja – L.Henwood Nagħmlu cameras mhux speed cameras biex nipproteġu liċ-Ċittadin Individuali biex ma jsirux abbużi. Is-Sindku spjega li il-Kunsill qiegħed jiddiskuti mas-Central Security Service u din il-kumpanija għaddiet għand ħaddieħor u li dan qed jistenna il-kunsens minn barra.
- Tibdil temporanju tat-traffiku biex mis-16 ta' Ottubru titkompla t-Triq iż-Żewġ Mini Route 300 – Talba biex tibda tiġbor lir-Residenti barra mill-Mina. Jibqa kollox kif inhu jekk ikun hemm residenti tal-Isla tidħol l-Isla jekk le tieqaf Bormla.
- Ittra Herrera, Herrera, Giglio Advocates
- Ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar is-Segretarju Eżekuttiv Regolament No. 7 Human Resources. 30 Days paid Sick Leave 30 Days Half Pay. Scale 10 for 10 days.
- Is-Sindku informa lill-Kunsill li is-sinjorina Monica Formosa għalqet sena f'Settembru u trid tiżdied notch skond l-agreement.
- Ġie deċiż mill-Kunsill li Matthew Vella jiżdied 5 hours work fil-ġimgħa indefinitely sakemm naraw x'jista' jsir dwar il-futur tiegħu.

## 27 (3) Mistoqsijiet

Il-Kunsill iddeċieda biex jistaqsi lil Kunsilliera Charmaine Gerada biex tispjega xi trid tkun taf eżatt rigward t-telephone calls tal-Kunsill u dawn fejn saru fl-aħħar 5 snin.

## 27 (7) Jum Dinji ta' l-Ikel

Sejjer jitnaddaf il-ħaxix mas-swar fuq l-Imħażen mid-Dipartiment għar-Rijabilitazzjoni. Ser jiġi muri fuq it-TV. Is-Sindku talab lill-Where's Everybody biex il-Mobile Unit ma tintramax quddiem il-ħwienet. Talbu lis-Sindku biex isemmi xi nies ta' nteress bħal familja ta' Abela Wilson 14 aħwa. Il-familja Abela aċċettaw li juru doll house li għadhom kemm lestew. Familja oħra Hili li kellu l-Forti ta' Sant Anġlu jixtiequ wkoll jippartecipaw. Il-ħsieb tas-Sindku

kien li min ma ġiex interviżtat fil-Festa, jiġu ntervjiżtati fil-Jum Dinji ta' l-ikel. Rakomanda li l-Kunsill biex jingħata trofew lill-Ministru Pullicino, Francis Agius u Monsignur Arċisqof.
Huma riedu lil xi ħadd biex ibiegħ il-Ħobż – Il-Furnar tal-lokal tal-Isla oġġezzjona u s-Sindku jrid jsib lil tal-Ħwienet biex jagħmlu dan.

Is-Sindku qal li il-latrina tal-irġiel tkun lesta għal-okkażjoni.

Pulizija hemm miftiehem kollox. Quddiem il-Knisja u Two Gate Street iridu jkunu clear mil-lejl sas-sbieħ mil-karozzi.

Hemm il-ħsieb li jipparteċipaw tfal mid-Drama fl-Edukazzjoni – jipparteċipaw tfal tas-Summer Club, Skola Primarja Dun Mauro Inguanez u tal-Librerija jagħmlu charts u posters. Curtain Raisers (Drama fl-Edukazzjoni) qegħdin jitolbu Lm170. Is-Sindku issuġerixxa li jekk id-Dipartiment lest li jħallas dawn il-flus, jistgħu jipparteċipaw. Hemm il-ħsieb li nagħtu xi momentum fejn il-Kunsill jista' joħroġ sa Lm100.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 27 (8) Banda ġermaniża

Is-Sindku qal li il-banda tikkonsisti f'tletin żgħażugħ u żgħażugħa. Is- Sur Borg mid-dipartiment ta' l-Agrikoltura offra li din il-banda tiġi iddoqq jumejn qabel l-attivita' ta' Jum Dinji ta' l-ikel. Xtaq li jipparteċipaw Banda La Vincitrice imma dawn ma jistgħux. Il-Kunsill jista jikri 'Jazz' Band għalihom għal Lm 50, xarabank Lm 30 u drinks Lm 80. Reno Chircop offra li jitkellem ma Labour Club biex isib xi għajnuna billi jmorru fis-soċjeta għal xi drinks.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 27 (4) Xogħol Triq iż-Żewġ Mini

Hemm il-ħsieb li ix-xogħol jibda' fis-16 ta' Ottubru. Ser isir meeting ġimgħa qabel biex jitkellmu mal-Kuntratur u l-Perit biex fejn jikxef jgħatti mal-ewwel biex ma jidħolx l-ilma fil-kantini tar-residenti. Xogħol jieħu xi xahrejn tlett xhur. Jekk dan ix-xogħol jibda' f'Marzu jaħbat ma funzjonijet reliġjużi allura jista' jiġri li purċissjoni ma tkunx tista' tgħaddi minn dik it-triq. Walter Ahar talab biex issir naħa bit-taraġ u naħa oħra niżla non slip peress li il-karozzi jipparkjaw fuq il-bankina. Is-Sindku Joseph Casha ser ikellem lill-perit u lill-kuntrattur minħabba r-riskju tat-temp u jiddieriġi hu meta jibda x-xogħol.

## 27 (5) Amministrazzjoni ground tal-Football

Kont ktibt lis-Senglea Athletics dwar punti li hemm fil-Kuntratt ta' l-MFA li fuqhom nixtiequ klarifikazzjoni u batt dawn il-punti biex il-kumitat tas-Senglea Athletics jiddiskutihom.

**Punti għad-diskussjoni bejn il-Kunsill u Senglea Athletics**

- Hemm possibilita' kbira li l-ground tal-Ponta mhux ser ikun bis-size 15m x 30m skond il-ftehim ma' l-MFA.

- Il-Kunsill ser jkompli jimplimenta dak li ġie miftiehem fit-28 ta' Diċembru – Laqgħa tal-Kunsill nru 44 li huma dawn:-

    1. Jagħmel tajjeb għall-użu ta' l-art.
    2. Livell ta' l-art tal-ground.
    3. Fence madwar il-ground u saqaf tal-ground.

- Fil-kuntratt bejn l-MFA u l-Klabb; il-Kunsill irid jiddiskuti nru 10 u 11 fis-sens li l-Kunsill għalkemm qiegħed jiffinanzja tlett kwarti mill-proġett ma jidħolx bħala firmatur fil-kuntratt.

- Fil-plakka ta' inawgurazzjoni il-Kunsill irid jidher li iffinanzja dan il-proġett.

- Il-Kunsill iżomm id-dritt li jagħti l-isem tal-ground u fl-inaugurazzjoni jkun hemm ftehim mal-Kunsill.

Kont tkellimt mal-Perita Melvienne Camilleri u mal-Perit Malcolm Borg biex jagħtu għajnuna lil dan il-Kunsill biex isir ix-xogħol ħalli joħroġ il-permess. Il-permess ġie approvat mill-Mepa u jonqos biss il-kundizzjonijiet mil-Mepa.

Is-Sindku qal li ma nistgħux nibqgħu fil-għama meta il-Kunsill ser joħroġ ammont ta' flus. Hemm bżonn niltaqgħu madwar mejda biex issir kummissjoni jew jinstab xi individwu ħalli jagħmlu tajjeb għal dan il-proġett inkluż il-Kunsill. Dawn jieħdu flushom mingħand min ikun qiegħed jamministra il-ground. Insista biex jiltaqgħu mal-Club biex jaraw jekk hux ser jamminstraw dan il-proġett. Għandhom joħorġu Tenders u jintalbu stimi taż-żewġ sizes tal-pitches; dak A u dak B peress li fil-każ ta' pitch A, it-turf ikun sponsorjat mill-M.F.A. u fil-każ ta' pitch B, il-Club ikun irid joħroġ Lm3,000 plus il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Ġie deċiż li it-Tenders għandhom joħorġu wara li nirċievu il-kundizzjonijiet mill-Mepa bil-miktub.

## 27 (6) Abbozz Bye-Law Gardjola/Sala tal-Kunsill

Sindku xtaq jirringrazzja l-Avukat tal-inizjattiva li ħa biex jgħamel din il-Bye Law u fi żmien 3 ġimgħat bgħat kollox għal din il-laqgħa biex imbagħad tintbagħat għal approvazzjoni tal-Ministru. L. Henwood qal li intgħoġbot u ħaqqu proset. Rigward item 3 tal-Bye Law hemm bżonn issir distinzjoni bejn in-nies tal-lokal u nies ta' barra il-lokal. Reno Chricop qajjem punt biex naġġornaw il-laqgħa għall-Erbgħa 11 ta' Ottubru fis-6.30pm ħalli jkun hawn aktar kunsilliera. Il-laqgħa ġiet aġġornate fid-9.10pm

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 11 ta' Ottubru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 7.15pm |

Uffiċjal Preżenti: Romina Perici Ferrante - Deputat Segretarja Eżekuttiva

Udjenza : 0

## 27 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill nru 25 u nru 26.

27(1) 1 Minuti tal-laqgħa nru 25

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

27 (1) 2 Minuti tal-laqgħa nru 26

Fuq proposta tal- Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

## 27(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha qara l-ittra li kiteb lil Onor Tonio Borg kif kien miftihem bħala risposta għall-korrispondenza numru 04/1820/06/1 biex il-Kunsill jiltaqgħa mal-Ministru rigward l-Imħażen u l-Arloġġ tal-Isla. Din l-ittra ġiet proponuta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar. Il-kunsill qabel unanimament biex tintbagħat din l-ittra.

## 27 (6) Abbozz Bye-Law Gardjola/Sala tal-Kunsill

Bħala prinċipju il-Kunsill jaqbel li għandu jkun hemm differenza fil-miżagħta mħallsa minn-nies mill-Isla u n-nies ta' Barra mill-Isla. Is-Sala tal-Kunsill għandha tinkera għan-nies tal-Isla biss. Min japplika irid ikollu l-I.D. Card fuq l-Isla. Prezz illum Lm 15 apparti l-Lm 5 għat-tindif. Is-Sindku qal li ma jixtieqx li jżid ħafna fil-prezz tal-kiri tas-sala biex jgħinu lil dawk in-nies li jixtiequ jagħmlu party, imma m'għandhomx riżorsi biżżejjed. Is-Sur Louis Henwood qal li l-

kunsill jiġi kkritikat fuq xejn u ppropona li l-prezz jiġi Lm 25 bit-tindif għal Kunsill. Il-ħsarat dejjem jitħallsu minn min jikri. Kien hemm qbil unanimu.

Korrispondenza – Griżma 19th October 2006 Monica Catania. Approvata
Romina Powell – Graduation 10th December 2006. Approvata

Iż-Żieda fil-prezz tal-kiri tas-sala jiġi fis-seħħ mill-1 ta'Jannar 2007.

Il-ġnien tal-Gardjola distinzjoni bejn in-nies tal-lokal u n-nies ta' barra l-Isla. Distinzjoni bejn tieġ u xi attivita żgħira. Il-Kunsillier Louis Henwood ppropona li l-kirja għall-ġnien tal-Gardjola għandha tkun ta' Lm 150 għal tal-lokal u Lm 300 għal barranin jinkludi d-dawl u t-tindif. Il-Kunsillier Reno Chircop ppropona li l-kirja għall-ġnien tal-Gardjola għandha tkun ta' Lm 100 għan-nies tal-lokal u Lm 200 għan-nies ta' barra mill-Isla. Il-Viċi Sindku Walter Ahar ppropona li għal tal-Lokal għandha tkun Lm 100 u n-nies ta' barra l-lokal jħallsu Lm 300.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar qal li jrid jitranġa d-dawl għax hemm il-periklu li jsir xi short u jaqbad xi nar.

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ppproponiet li tingħata għal mhux aktar minn 6 attivitajiet fis-sena. Ma tagħmilx distinzjoni ta' x'hini l-attivita' jekk hux tieġ jew party żgħir. Dejjem ikun hemm id-diskrezzjoni tal-kunsill jekk taċċettax il-funzjoni jew le. Il-Prezz irid jinkludi wkoll l-ħlas tas-Security jew Police Officer. Il-Kunsillier Louis Henwood qabel ma dan. Security 1 għas-sala u 2 għal-Gardjola. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada qalet li Lm150 huwa wisq għan-nies tal-lokal. Il-Barrakka kienet tinkera għal Lm 150.

Is-Sindku qal li torbot l-applikant li l-Kunsill iġib 2 Pulizija u jkun extra charges fil-prezz. 1 Pulizija għas-sala. Għas-Soċjetajiet tal-lokal tkun mod ieħor.

Min japplika għall-attivita mod speċjali tieġ, l-għarus jew l-għarusa għandhom jkunu mill-lokal.

Charmaine Gerada qalet li għandu jkun hemm prezz fiss. Ser nitkellmu mal-avukat sabiex ma tkunx diskriminatorja.

Is-Sindku qal li dwar proposti fuq ċifri l'aħjar nitkellmu mal-avukat qabel ma nibgħatu l-Bye Law lill-Ministru.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar qal li l-avukat għandu jiltaqgħa mal-Kunsill qabel tgħaddi l-Bye Law għand il-Ministru.

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ssuġġeriet biex il-kamra li hemm fil-Gardjola tiġi utilizzata bħala toilet tad-disabled biex dawn ikollhom aċċess.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar qal li t-Toilet tal- Ladies & Gents jista jitranġa biex isir aċċessibbli għal wheelchairs u l-kamra titranġa biex issir kċina. Dawn narawhom mal-perit.

Kunsill deċieda Lm 150 u Lm 300 + 2 Security. Titħalla open mhux with a maximum imma darba fil-ġimgħa from  Monday to Sunday.

Deposit 50% tal-prezz tal-kiri tas-sala. Non Refundable except mewt jew mard.

Nitolbu lil Avukat e-mail tal-Bye Law biex indaħħlulu s-Suġġerimenti tal-Kunsill fuqha.

## 27 (7)  Jum Dinji ta' l-Ikel

Is-Sindku Joseph Casha qara l-Programm tal-Ħadd rigward il-Jum Dinji tal-Ikel. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada nfurmat lill-Kunsill li l-Prim Ministru l-Onor Lawrence Gonzi kellu jkun intervistat fix-Xatt tal-Isla minn ġurnalisti ta' Stazzjon Televiżiv Taljan is-Sibt 14 ta' Ottubru. L-Intervista kellha tieħu xi għoxrin minuta u fiha jintwerew ukoll shots minn tal-belt tal-Isla.

## 27 (9)  Kuntratt tal-Knis

Il-Viċi Sindku Walter Ahar ppropona li l-Kunsill għandu jittermina l-kuntratt ma Karl de Flavia. Huwa qal li fil-Kuntratt hemm imniżżel li jkun hemm  tlett kenniesa, u bdejna naħdmu bi tnejn. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada qalet li l-Kunsill ma jistax jissetiljaw f'din il-biċċa xogħol. Il-Viċi Sindku Walter Ahar wera x-xewqa li l-Kunsill  jikteb lid-dipartiment biex nistaqsu jekk fir-rapport dwar id-diżastru msemmi hux fuq il-knis jew jekk jinkludix ukoll is-soft areas. Is-Sindku Joseph Casha stqarr li diġa kiteb darbtejn lill-Kuntrattur tal-Knis sabiex jiġbidlu l-attenzjoni. Barra dan ġie suġġerit li jibdew billi jitnaqqsu default notice lill-Kuntrattur. Hemm ir-rapport tad-dipartiment li jista' jixhed dan.

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada talbet biex toħroġ tender għal avukat. Is-Sindku qal li sakemm f'sena ma taqbiżx Lm2,000 m'hemmx għalfejn toħroġ tender. Għalhekk ma hemm xejn ħażin li tieħu parir minn għand avukat.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet jekk l-avukat sarx b'Direct Order. Is-Sindku Joseph Casha qal li fl-aħħar laqgħa, il-Viċi Sindku Walter Ahar, ippropona li naħtru lill-Avukat Herrera.

Il-Kunsillier Louis Henwood insista kif l-avukat l-ieħor ma lestiex il-Bye Law u affarijiet oħra. Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet fuq liema bażi ntagħżel l-Avukat Jose' Herrera. Il-Viċi Sindku Walter Ahar qal li issuġerixxa lil Herrera għax sabu tajjeb u fil-fatt ir-riżultat ingħata mill-ewwel għax il-Bye Law tlestiet fi tlett ġimgħat. Il-Kunsillier Charmaine Gerada issuġġeriet li jintalbu quotations għas-servizz ta' avukat.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar qabel li għandu jingħata l-aħħar warning lil Kuntrattur tal-Knis u jekk sa dan ix-xahar ta' Ottubru ma jsirx progress, il-kuntratt jiġi tterminat. Il-Kunsillier Louis Henwood jaqbel li fil-Każ jiġi tterminat il-kuntratt.

Ġie deċiż li tinkiteb ittra f'dan is-sens.

## 27 (10) Skema Parking Residenti

It-Tlieta 17 ta' Ottubru 2006 laqgħa l-ADT fl-10.00 am. Il-Kunsill kollu mistieden biex naraw kif ir-Residenti jiġu eġavolati għal-parking. Hemm ukoll il-punt ta' sewqan eċċessiv. Ikun hemm preżenti l-Perit Audrey Testaferrata. Nitkellmu biex niddiskutu l-probblemi li hemm.

## 27 (11) Riżolużzjonijiet

**5/2006 Skips fil-lokal (kopja mhemuża)** Il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni unanimament ipproponuta mis-Sindku Joe Casha, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

**6/2006 Niċċa l-Barra (kopja mhemuża)** Il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni ipproponuta mis-Sindku Joe Casha, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar. Is-Sinjura Charmaine Gerada astjeniet mill-Vot u dherilha li peress li l-attivita kienet tal-Kunsill, kellha tkun avżata waqt il-preżentazzjoni tar-rigali għax hi saret taf dwarhom minn fuq it-televiżjoni.

## 27 (3) Mistoqsijiet – Web 4 me tistaqsi kemm tmur lura snin.

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada qalet li hi talbet biex il-Kunsill japplika għas-servizz tal-Web4me biex tara fejn qed isiru t-telefonati tal-Kunsill.

## 27 (12) Approvazzjoni Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-pagamenti ta' Awissu 2006 kif mehmuż għall-ammont ta' Lm 8,271.18. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada kienet Kontra dan il-Vot peress li dawn il-pagamenti diġa ħarġu.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-pagamenti ta' Settembru 2006 kif mehmuż għall-ammont ta' Lm 6,046.14. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada Astjeniet minn dan il-Vot.

Il-laqgħa ntemmet fit-9.10pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________                    ________________________

Joseph Casha
Sindku

Romina Perici Ferrante
Deputat Segretarja Eżekuttiva